Kalifat, Paċi u Ġustizzja

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba]

Kalifat, Paċi u Ġustizzja

Kif nistgħu nevalwaw it-theddida tal-ISIS?
Id-differenza bejn l-Iżlam veru u l-gruppi estremisti

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba]
Il-Ħames Suċċessur tal-Messija Mwiegħed[as],
Il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

KHILAFAT, PEACE AND JUSTICE

(In Maltese Language)

Kalifat, Paċi u Ġustizzja

Diskors ta'
Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba]
Il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana

© Islam International Publications Ltd.

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2015)

Pubblikazzjoni ta'

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Tel: +356-27342401 • **Tel**: +356-21322105
Mob: +356-79320139 • **Fax:** +356-27322105
Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org

978-99957-59-00-1

Stampa: © shutterstock.com

Dwar l-Awtur
Il-Kalif: Bniedem ta' Paċi

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba], huwa l-Mexxej Suprem tal-Komunità Dinjija Aħmadija Musulmana (*Ahmadiyya Muslim Jamaat*). Huwa l-Ħames Suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Riformatur, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ta' Kadjan.

Il-Qdusija Tiegħu twieled fil-15 ta' Settembru, 1950, f'Rabwah, il-Pakistan. Wara li temm il-Masters Degree fl-Ekonomija Agrikola fl-1977 mill-Università Agrikola ta' Faisalabad, il-Pakistan, huwa ddedika formalment il-ħajja tiegħu għas-servizz tal-Iżlam.

Wara li ġie elett għal ħajtu kollha fil-pożizzjoni ta' Kalif tal-Komunità Aħmadija Musulmana fit-22 t'April 2003, huwa jservi bħala l-kap dinji spiritwali u amministrattiv ta' organizzazzjoni internazzjonali reliġjuża li tħaddan fiha għexieren ta' miljuni ta' membri mxerrda f'200 pajjiż.

Ħajtu hija riflessjoni ta' dedikazzjoni, sodizza, talb u suċċess. Ir-rabta tiegħu m'Alla twasslu biex iħeġġeġ lill-Komunità tiegħu biex qatt ma tinsa lil Alla li Jista' Kollox u biex ma taqta' qalbha qatt. Il-konċentrazzjoni tiegħu fuq it-talb hija evidenti għal kulħadd u l-frott tas-suċċess ta' dan it-talb huwa xhieda tat-twemmin tiegħu. L-imħabba tiegħu lejn il-bniedem tħeġġeġ lilu u lill-Komunità tiegħu biex iservu 'l-umanità.

Mindu laħaq Kalif, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba] żar ħafna pajjiżi u għamel għadd ta' diskorsi mħeġġin lil udjenzi minn kulturi u ambjenti differenti, biex jippromwovi u jiffaċilita s-servizz lill-umanità. Taħt it-tmexxija tal-Qdusija Tiegħu, il-Komunità Aħmadija Musulmana bniet għadd ta' skejjel u sptarijiet li jipprovdu faċilitajiet tal-aqwa kwalità f'żoni remoti tad-dinja.

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad, bħalissa jinsab residenti f'Londra, l-Ingilterra.

Introduzzjoni

Fit-8 ta' Novembru 2014, il-Mexxej Dinji tal-Komunità Aħmadija Musulmana, il-Ħames Kalif, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], ingħata l-inkarigu li jippreżenta l-indirizz ewlieni fil-11-il Konferenza Nazzjonali dwar il-Paċi. Tul id-diskors tiegħu, il-Qdusija Tiegħu kkundanna kategorikament l-attivitajiet tal-ISIS u gruppi oħra estremisti, iddeskriviehom bħala **"assolutament mhux Iżlamiċi"** u stqarr li kienu **"qed ixerrdu vilment xibka ta' terrur"** mad-dinja kollha. Bl-ammont kbir ta' kwotazzjonijiet li ta mill-Koran Imqaddes, il-Qdusija Tiegħu wera li l-Iżlam hu reliġjon ta' paċi li tippromwovi t-tolleranza, ir-rispett reċiproku u l-ftehim fil-livelli kollha tas-soċjetà. Il-Qdusija Tiegħu wera wkoll it-tħassib tiegħu dwar kif dawn il-gruppi estremisti bħall-ISIS qegħdin jiġu megħjuna, anki finanzjarjament. Din il-konferenza ġiet organizzata fil-Moskea ta' Baitul Futuh f'Londra quddiem udjenza ta' aktar minn 1000 ruħ, fosthom aktar minn 550 mistieden li mhumiex Aħmadin li kienu jinkludu Ministri tal-Gvern, Ambaxxaturi tal-Istat, Membri miż-żewġ Kmamar tal-Parlament, u għadd ta' dinjitarji u mistiedna oħra. It-tema tal-Konferenza dwar il-Paċi ta' din is-sena kienet **"Kalifat, Paċi u Ġustizzja"**.

Il-Qdusija Tiegħu ppreżenta wkoll il-Premju Musulman Aħmadi għat-Tkattir tal-Paċi lil Magnus MacFarlane-Barrow, CEO ta' Mary's Meals UK, bħala rikonoxximent għall-isforzi eċċellenti tiegħu biex jipprovdi l-ikel u l-edukazzjoni lit-tfal tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Qabel l-indirizz ewlieni għadd ta' dinjitarji għamlu xi rimarki qosra: Rafiq Hayat, President Nazzjonali tal-Komunità Aħmadija Musulmana tar-Renju Unit, Lord Tariq Ahmad ta' Wimbledon, Ministru għal Komunitajiet, Siobhain McDonagh, MP u Ċerpersin tal-Grupp Parlamentari tal-Partiti kollha għall-Komunità Aħmadija Musulmana, l-Onorevoli Ed Davey, MP u Segretarju tal-Istat għall-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima, l-Onorevoli Justine Greening, MP u Segretarju tal-Istat għall-Iżvilupp Internazzjonali, u l-Aktar Reverendu Kevin McDonald, Isqof Emeritu ta' Southwark, li saħansitra qara messaġġ speċjali mill-Vatikan.

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin.

Wara li talab it-*Tashahhud*, it-*Ta'awwuz* u l-*Bismillah*, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba], qal,

"Mistednin distinti kollha – *Assalamo Alaikum Wa Rahmatullahe Wa Barakatohu* – il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu kollha fuqkom.

L-ewwel nett nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lilkom kollha li attendejtu l-Konferenza tal-Paċi ta' din is-sena. Kif jafu ħafna minnkom, din il-konferenza ilha tittella' kull sena għal dawn l-aħħar għaxar snin u saret avveniment fiss fil-kalendarju tal-Komunità Aħmadija Musulmana. Is-soltu din l-attività sseħħ f'Marzu, iżda, għal diversi raġunijiet, din is-sena kellha tiġi posposta għal Novembru. Illejla nzerta wkoll hemm funzjoni biex titfakkar l-Ewwel Gwerra Dinjija u għaldaqstant jista' jkun li xi wħud minnies li stedinna mhux se jkunu jistgħu jattendu.

Minkejja kollox, inħossni ferm grat li intom qegħdin hawn. Bla dubju ta' xejn il-parteċipazzjoni tagħkom turi li intom tixtiequ tisimgħu dwar il-paċi mill-punt di vista ta' denominazzjoni Musulmana partikolari, meta fid-dinja tal-lum tant jingħadu xorti dwar il-paċi dinjija u l-kunflitti li nibtu ma' kullimkien.

Ċertament li l-qagħda kurrenti tal-affarijiet qed toħloq ħafna biża' u ansjetà f'diversi partijiet tad-dinja. Filwaqt li dan kollu jġib miegħu dispjaċir kbir, jiena bla tlaqliq nammetti li ħafna mit-taqlib li qed naraw fid-dinja llum qed iseħħ minħabba l-għemejjel ta' ċerti hekk imsejħa Musulmani. Għal kull Musulman li jħobb u jfittex il-paċi, u li jifhem it-twemmin tiegħu, dan kollu joħloq diqa u disperazzjoni kbira. F'din l-aħħar sena, grupp wieħed partikolari rnexxielu jxerred

vilment xibka ta' terrur u sar kawża ta' tħassib kbir għad-dinja. Qiegħed nirreferi għall-grupp ta' estremisti magħrufin komunement bħala ISIS jew IS.

L-azzjonijiet ta' dan il-grupp terroristiku mhux qed iħallu effett kbir fuq il-pajjiżi Musulmani biss, iżda anki pajjiżi fl-Ewropa u dawk aktar 'il bogħod qed jiġu affettwati mill-atroċitajiet li qed iwettaq. Qed naraw numru allarmanti ta' żgħażagħ Musulmani mill-Ewropa u minn partijiet oħra tad-dinja li b'xi mod waslu biex jemmnu li l-ISIS qed jirrappreżentaw stampa ġenwina tal-Iżlam u għaldaqstant qed jappoġġjaw l-ideoloġija tagħhom. Għal dawn ir-raġunijiet iddeċidew li jagħtuhom daqqa ta' id u saħansitra jiġġieldu għalihom.

Minn hawn, mir-Renju Unit, jingħad li madwar 500 ruħ, ħafna minnhom żgħażagħ Musulmani, diġà telqu lejn is-Sirja u l-Iraq biex jiġġieldu għall-ISIS, fi gwerra li l-grupp terroristiku qed isostni b'mod qarrieq li qed tiġi missielta f'isem l-Iżlam. Jekk inħarsu lejn l-għadd ta' Musulmani mill-Ewropa li telqu biex jissieltu f'dan l-hekk imsejjaħ Ġiħad nosservaw li n-numru ta' Musulmani li qed jitilqu mir-Renju Unit għall-Iraq u s-Sirja hu akbar minn dak li qed jitilqu mill-Ġermanja u minn ħafna pajjiżi oħra Ewropej.

Dan hu estremament allarmanti u punt ta' tħassib kbir għar-Renju Unit għaliex l-aġenda u l-għanijiet tal-ISIS u l-hekk imsejjaħ *Kalif* tagħhom huma kompletament tal-biża' u barbariċi.

Jingħad li l-*Kalif* tagħhom jistqarr li jrid 'ipattiha' lid-dinja u li jrid jaħkem it-territorji u n-nazzjonijiet. Jgħid li jrid jagħmel lill-Musulmani s-sidien tad-dinja kollha u lil dawk li mhumiex Musulmani jagħmilhom skjavi jew ikunu l-'proprjetà' tal-Musulmani. Jistqarr li kull persuna li toffendi b'xi mod lil xi Musulman għandha tiġi kkastigata u li l-Liġi tax-Xarija għandha tiġi applikata għal kull persuna f'kull pajjiż.

Jixtieq li jitneħħew id-drittijiet tan-nisa li jappartjenu għal reliġjonijiet jew setet oħra; li dawn jitrażżnu u jsiru konkubini (skjavi) u jġagħluhom isiru n-nisa tagħhom. L-ISIS qed ifittxu li jeqirdu kull reliġjon jew denominazzjoni li ma taqbilx mal-ideat

tagħhom u jixtiequ jwarrbu l-gvernijiet attwali Musulmani u jiksbu l-poter tagħhom. Għaldaqstant, jekk dan kollu huwa vera mela l-istrateġija u l-viżjoni tagħhom għandhom implikazzjonijiet kbar u l-għan ewlieni tagħhom huwa li jeqirdu l-paċi fid-dinja.

Huwa assolutament assurd li naraw lill-ISIS jew xi grupp estremist ieħor li fl-aħħar mill-aħħar jirnexxilhom jaħkmu lid-dinja, il-għaliex huwa għalkollox ċar li l-pjanijiet tagħhom ma jagħmlu l-ebda sens u huma msejsa fuq ix-xewqat u l-ħolm aktar milli fuq ir-realtà. Madanakollu, jekk ma jitwaqqfux fil-passi tagħhom, dawn jistgħu jikkawżaw ħsara u qerda enormi qabel ma jispiċċaw fix-xejn.

Diġà assistejna għal ħafna inċidenti fejn individwi waħedhom, mingħajr l-ebda għajnuna jew appoġġ, irnexxielhom jikkawżaw tant biża' u terrur. Pereżempju, kull ftit xhur ikun hemm rapporti ta' xi traġedja fl-Istati Uniti li tkun tinvolvi xi sparatura fi skola fejn għexieren ta' tfal innoċenti jitilfu ħajjithom minħabba l-atti faħxin ta' individwu solitarju.

Għaldaqstant, immaġinaw kemm sofferenza u qerda jista' jikkawża grupp terroristiku, li qed jiġma' flimkien nies frustrati u anzjuži mid-dinja kollha li lesti jagħtu ħajjithom għal din il-kawża inġusta.

Dan hu speċifikament vera meta wieħed iqis li dan il-grupp ma għandux biss individwi disposti għal kollox, iżda huwa wkoll armat sew b'armamenti u artillerija sofistikata. Fil-verità, lanqas ma nistgħu neskludu li eventwalment huma jirnexxilhom jaħtfu f'idejhom anki armamenti nukleari. Kif għedt diġà, dawn il-gruppi ta' mġienen mhumiex se jiksbu suċċess permanenti jew li jtul għal ħafna iżda f'qasir żmien huwa x'aktarx possibbli li dawn jistgħu jirbħu ċerti reġjuni u jikkawżaw dannu enormi. Meta wieħed jikkonsidra dan kollu wieħed ma jistax ma jinkwetax bit-theddida tal-waħx li qiegħda taffaċċja d-dinja mill-ISIS u minn gruppi oħra li jħaddnu l-istess ideoloġiji.

Il-fatt li dan kollu qed iseħħ f'isem l-Iżlam inikket u jweġġa' serjament lill-Musulmani kollha li jħobbu l-paċi l-għaliex ideoloġiji bħal dawn li huma tant distruttivi u inumani ma għandhom xejn x'jaqsmu mar-reliġjon. Pjuttost, b'kull mod u f'kull livell, it-tagħlim

veru tal-Iżlam huwa bbażat fuq il-paċi u fuq is-sigurtà għal kulħadd. Jekk nagħtu titwila lejn il-Koran Imqaddes u anki l-ħajja u l-karattru tal-Profeta tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], joħroġ ċar li l-ewwel Musulmani qatt ma taw bidu għal xi gwerra jew vjolenza. Jekk qatt il-Musulmani ħadu sehem f'xi gwerra dan seħħ biss biex jiddefendu lilhom infushom u l-għan ewlieni tagħhom kien li jwaqqfu l-krudeltà tal-għedewwa tagħhom u mhux biex jasserixxu s-superjorità tagħhom jew biex jirrikorru għall-inġustizzja. Qatt ma fittxew li jokkupaw l-artijiet jew in-nazzjonijiet jew li jgħakksu lil popli oħra.

Il-ħajja tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] hi xhieda tal-fatt li matul l-ewwel snin tal-profetiżmu tiegħu fil-belt fejn twieled, Mekka, huwa fittex biss li jxerred it-tagħlim tal-Iżlam bi mħabba u għożża. Madanakollu, in-nies ta' Mekka mhux talli ma laqgħuhx talli ttrattawh bl-aktar mod krudil u kattiv. Huwa u d-dixxipli tiegħu kienu ppersegwitati brutalment sal-punt li, b'amar divin, il-Qaddis Profeta[sa] kellu jitlaq minn Mekka u jemigra lejn il-belt ta' Medina. Però, anki wara li telaq, in-nies ta' Mekka ma ħallewx lill-Musulmani bi kwiethom, għax marru warajhom b'armata mgħammra sewwa u bdew gwerra kontrihom. Kien hemmhekk li, għall-ewwel darba, b'amar ta' Alla, il-Musulmani ngħataw il-permess biex jiġġieldu ħalli jiddefendu lilhom infushom.

Ir-raġuni għala ngħata l-permess hija mniżżla b'mod ċar ħafna f'Kapitlu 22, versi 40-41, tal-Koran Imqaddes fejn Alla jistqarr li l-permess għal gwerra difensiva ngħata l-għaliex kieku l-Musulmani ma ddefendewx lilhom infushom, mela l-paċi fid-dinja kollha kienet tkun f'periklu kbir. L-avversarji mhux biss riedu jeqirdu l-Iżlam, iżda fil-verità riedu jeqirdu kull forma ta' reliġjon mid-dinja. Għaldaqstant il-Koran isostni li kieku ma ngħatax dan il-permess, l-ebda knisja, sinagoga, tempju, moskea, jew kull post ieħor ta' qima ma kien ikun sigur. Għalhekk, il-Musulmani setgħu jiġġieldu mhux biss biex isalvaw 'l-*Iżlam* iżda biex isalvaw lir-*reliġjon* stess fuq il-bażi tal-vers imsemmi qabel.

Fid-dawl ta' dan kollu, tistgħu taslu biex tifhmu kemm huma kompletament żbaljati l-hekk imsejħa Musulmani tal-lum

meta jsostnu li huwa permissibbli li jinqatlu dawk li mhumiex Musulmani, li jitteħdulhom artijiethom jew li jinqabdu priġunieri. Ir-realtà hija li l-Iżlam huwa dak it-twemmin li jiggarantixxi d-dritt ta' kull individwu li jgħix fil-libertà u l-ħelsien. U l-Iżlam huwa dik ir-reliġjon li ggarantiet id-dritt ta' kull individwu li jgħix fil-paċi u fl-armonija, tkun xi tkun il-fidi jew l-isfond ta' ħajja tiegħu.

Semmejt qabel kif il-Qaddis Profeta[sa] emigra lejn il-belt ta' Medina flimkien mas-segwaċi tiegħu u kif il-manjiera li biha l-Musulmani inkorporaw irwieħhom fil-komunità lokali kienet mudell ideali ta' kif wieħed għandu jemigra u jintegra ruħu f'soċjetà ġdida. Qabel ma waslu l-Musulmani kien hemm żewġ gruppi ewlenin li kienu jgħixu f'Medina – il-Lhud u l-Għarab. Bil-wasla tal-Musulmani dawn il-gruppi saru tlieta – il-Musulmani, il-Lhud u l-Għarab li ma kinux Musulmani. Il-Qaddis Profeta[sa] mill-ewwel stqarr kemm kien importanti li huma kollha jgħixu flimkien fil-paċi u t-trankwillità u għalhekk ippropona ftehim ta' paċi bejniethom. Skont it-termini ta' dan il-patt il-gruppi u t-tribujiet kollha kellhom jingħatawlhom id-drittijiet mistħoqqa tagħhom. Il-ħajjiet u l-ġid tal-partijiet kollha kellhom jiġu salvagwardati u d-drawwiet ta' bejn it-tribujiet li kienu jeżistu minn qabel ukoll kellhom jiġu rispettati. Kien ukoll miftiehem li jekk xi ħadd jiġi minn Mekka bl-intenzjoni li joħloq l-inkwiet u l-problemi dan ma kellu jingħata l-ebda kenn min-nies ta' Medina u ħadd ma kellu jasal għal xi ftehim miegħu. Aktar minn hekk, jekk xi għadu kellu jattakka lill-belt it-tliet gruppi kellhom jingħaqdu flimkien biex jiddefenduha, għalkemm kien miftiehem ukoll li dawk li ma kinux Musulmani ma kinux se jiġu mġiegħla jiġġieldu flimkien mal-Musulmani jekk dawn tal-aħħar kellhom jiġu attakkati barra l-belt. Ukoll kull ftehim li kellhom il-Lhud ma' gruppi oħra kellhom jiġu rispettati mill-Musulmani. Il-Lhud kellhom jgħixu r-reliġjon *tagħhom* u l-Musulmani kellhom jgħixu r-reliġjon *tagħhom*.

Meta t-tliet gruppi kollha aċċettaw it-termini ta' dan il-patt ġie miftiehem ukoll bi qbil unanimu li l-Qaddis Profeta[sa] kellu jservi bħala l-Kap tal-Istat. Madanakollu, u bħalma għedt qabel, il-Lhud ma kellhomx ikunu marbuta max-Xarija iżda kienu marbuta biss bil-liġijiet u d-drawwiet Lhudin. Dan kien eżempju ċar ta' kemm

il-Fundatur Qaddis tal-Iżlam[sa] kien jemmen fit-tolleranza u r-rispett reċiproku għall-kuntrarju tal-lum fejn l-ISIS qed isostnu li l-Liġi tax-Xarija (*Shariah Law*) għandha tkun imposta fuq kulħadd, irrelevanti xi tkun ir-reliġjon jew l-isfond tal-ħajja tagħhom. F'dak iż-żmien, il-Qaddis Profeta[sa] stabbilixxa wkoll f'dak il-ftehim id-drittijiet tan-nisa. Kien stipulat b'mod espliċitu li l-ebda mara ma kellha titneħħa bil-forza minn darha jew kontra l-volontà tagħha. Għaldaqstant, kif jistgħu jkunu korretti l-ISIS meta jsostnu li n-nisa li mhumiex Musulmani għandhom jitqiesu bħala l-oġġetti jew il-mobbli tagħhom? Skont il-ftehim, l-ebda persuna ma kellha tkun sfurzata biex taċċetta l-Iżlam, anzi kien jisħaq li l-Lhud u dawk kollha li ma kinux Musulmani li kienu jgħixu f'Medina kellhom jiġu trattati b'għożża u b'kompassjoni u jitqiesu bħala aħwa tal-Musulmani. Għalhekk, dan kien fil-qosor il-qofol tal-ftehim li rabat flimkien in-nies kollha ta' Medina mal-wasla tal-Musulmani.

L-istorja turina li l-Musulmani kienu fidili ħafna lejn dan il-patt u meta sar ksur tiegħu dan wettquh il-partijiet l-oħra. Bħala l-mexxej magħżul ta' Medina, il-Qaddis Profeta[sa] kien ikollu x'jaqsam ma' dawk l-individwi jew gruppi li kienu jiksru l-ftehim jew li kienu jkunu involuti fi mġiba ħażina. Iżda dawn it-twiddibiet kienu jsiru b'mod ġust, skont it-termini tal-ftehim, u ma kienx ikun hemm inġustizzja fihom. Għaldaqstant, din hija x-xbieha vera tal-gvern fl-Iżlam, li l-pedament tiegħu twaqqaf mill-Qaddis Profeta[sa] u li ssaħħaħ warajh mill-erba' Kalifi Divini u matul l-ewwel seklu tal-Iżlam.

U għalhekk illum jekk l-ISIS jew xi gvern Musulman jaġixxi kontra dawn il-prinċipji sodi ta' ġustizzja u ugwaljanza, mela jkunu qed jagħmlu hekk biex jissodisfaw biss l-interessi personali jew politiċi tagħhom.

Anki jekk isostnu li qed jaġixxu f'isem Alla, il-verità hija li, jgħidu x'jgħidu, l-azzjonijiet tagħhom ma għandhom l-ebda rabta mal-Iżlam jew mat-tagħlim tal-Qaddis Profeta[sa].

Jekk nagħtu titwila lejn l-istorja tal-Arabja qabel il-miġja tal-Qaddis Profeta[sa], insibu soċjetà fejn kull tribù kien jasserixxi d-drittijiet

tiegħu permezz tat-taqbid u t-tixrid tad-demm. Madanakollu, f'din l-istess soċjetà l-Qaddis Profeta[sa] ġab rivoluzzjoni sħiħa għaliex stabbilixxa sistema tajba ta' ġudikatura fejn kull tribù kien jiġi trattat skont id-drawwiet jew it-twemmin reliġjuż tiegħu. Jekk wieħed jistudja l-istorja bikrija tal-Iżlam b'mod ġust u imparzjali jintebaħ mill-ewwel li tul il-perjodu inizjali tal-Qaddis Profeta[sa] u l-erba' Kalifi Divini, l-imġiba tal-Musulmani kienet impekkabbli.

Qatt ma kienu huma li instigaw il-gwerra u qatt ma kienu huma li fittxew li jaħkmu l-artijiet. Meta stinkaw biex ixerrdu t-tagħlim tal-Iżlam, dan għamluh biss bi pprietkar b'modi kompletament paċifiċi. Pereżempju, l-Iżlam inxtered fiċ-Ċina u fin-Nofsinhar tal-Indja u madanakollu ma nsibu mkien fl-istorja fejn hemm miktub li xi armata Musulmana qatt attakkat lil dawk il-pajjiżi; anzi, l-Iżlam tferrex f'dawk il-pajjiżi u f'nazzjonijiet oħra b'mezzi paċifiċi. Aktar tard fiż-żmien, kien hemm xi mexxejja Musulmani li taw bidu għall-gwerer minħabba raġunijiet li huma ma kellhom l-ebda ħtija għalihom, u anki f'dawk il-gwerer l-abitanti tal-pajjiżi maħkuma qatt ma ġew sfurzati biex jikkonvertu għall-Iżlam. Bla dubju ta' xejn, il-Koran ma jaqbilx ma' dawn l-affarijiet u jgħallem biss li t-tagħlim għandu jseħħ b'mod paċifiku.

Bħalma għedt qabel, meta Alla ta l-permess għall-gwerer reliġjużi biex il-Musulmani jiddefendu lilhom infushom, dan sar biss biex jiġu salvagwardati r-reliġjonijiet *kollha*, u mhux l-Iżlam biss. F'ħafna siltiet differenti tal-Koran, Alla s-Setgħani niżżel diversi prinċipji tal-gwerra. Pereżempju, f'Kapitlu 2, vers 191, Alla stabbilixxa l-prinċipji ta' gwerra difensiva fejn Huwa jistqarr li għandek tissielet biss ma' dawk li jibdew il-ġlied kontrik u li qatt ma għandek tikser il-liġi jew taġixxi b'mod krudil, il-għaliex Alla ma jħobbx lil dawk li huma inġusti.

Għal darb'oħra, f'Kapitlu 16, vers 127, Alla s-Setgħani jikkmanda lill-Musulmani biex qatt ma jaqbżu l-limiti jew jiksru l-liġijiet waqt il-gwerra. Alla jgħid li l-kastigi għandhom ikunu proporzjonali mad-dannu li wieħed ikun sofra.

F'Kapitlu 2, vers 194, Alla s-Setgħani jgħid li waqt gwerra, partit

għandu jissielet sakemm ma tibqa' l-ebda persekuzzjoni u r-reliġjon tkun tista' tiġi pprattikata għal darb'oħra b'mod ħieles. Ikompli jgħid li jekk l-oppressuri jieqfu u tintemm id-diżordni mela m'hemmx għalfejn tibqa' tintwera ostilità lejhom.

F'Kapitlu 8, vers 62, Alla s-Setgħani jgħid li jekk l-aggressuri juru li jixtiequ l-paċi u joffru id ta' rikonċiljazzjoni, mela l-Musulmani għandhom jaċċettaw u ma joqogħdux jiddubitaw jekk humiex sinċiera jew le.

Aktar minn hekk, f'Kapitlu 9, vers 4, il-Koran jistipula li l-Musulmani għandhom jonoraw kull patt u ftehim li jiffurmaw mal-pagani jekk dawn tal-aħħar ma jkunux aġixxew b'mod aggressiv u jkunu żammew it-termini tal-qbil ta' bejniethom min-naħa tagħhom. Alla jgħid li dan huwa aspett importanti tal-ġustizzja u Alla jħobb lil dawk li huma ġusti.

F'Kapitlu 5, vers 9, Alla jgħallem lill-Musulmani biex dawn jaġixxu b'onestà u b'ġustizzja, anki fi stat ta' gwerra. Alla jgħid li l-ostilità ta' nazzjon jew poplu qatt ma għandha twassal Musulman biex jaġixxi b'mod inġust għax dak imur kontra l-onestà.

F'Kapitlu 8, vers 68, Alla jgħid li mhux sewwa li jinżammu priġunieri jekk ma jkunx hemm stat ta' gwerra l-għaliex jekk jiġri hekk mela dan ikun qed isir biss minħabba l-ġid u l-poter u mhux għall-imħabba ta' Alla. Għaldaqstant, dan juri biċ-ċar li fi żmien ta' paċi mhuwiex aċċettabbli li jinżammu nies priġunieri, iżda llum qed naraw lil dawn l-hekk imsejħa 'Iżlamisti' li qed jaħtfu bil-forza għadd kbir ta' nies innoċenti u fl-istess waqt qed iġagħlu nisa bla difiża biex ikunu l-konkubini tagħhom.

F'Kapitlu 47, vers 5 tal-Koran Imqaddes, Alla s-Setgħani stqarr li l-priġunieri tal-gwerra għandhom jinħelsu mat-tmiem ta' gwerra. F'dan il-vers, Alla jkompli jgħid li dawn għandhom jinħelsu għal somma ta' flus jew ikun ferm aħjar li jinħelsu bħala att ta' ħniena jew bħala favur. Għaldaqstant, meta tispiċċa l-gwerra l-priġunieri għandhom jinħelsu u dan japplika kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. Fiż-żminijiet bikrija, in-nisa kienu jmorru wkoll fuq il-kamp tal-battalja biex jgħinu u jħeġġu lill-irġiel, u għalhekk b'dan

il-mod kien possibbli li anki huma jinqabdu priġunieri. Il-Koran, madanakollu, għamilha ċar b'mod kategoriku li l-ebda mara ma kellha tiġi trattata krudelment jew maħqura b'xi mod.

Dwar il-ħlas ta' flus biex jinħeles priġunier, f'Kapitlu 24, vers 34, il-Koran isostni li jekk persuna ma tkunx tiflaħ tħallas biex jinħeles priġunier mela wieħed għandu jaċċetta l-ħlas bin-nifs u jillibera lil dik il-persuna. Dawn il-versi relatati mal-ħelsien ta' priġunier tal-gwerra rridu nqisuhom fil-kuntest tat-taqbid tul dak il-perjodu bikri. Dak iż-żmien l-individwi li kienu jieħdu sehem fil-gwerer kienu jagħmlu hekk a spejjeż tagħhom u kienu jieħdu l-armamenti tagħhom stess. B'hekk kien aċċettabbli li jieħdu l-flus sabiex jinħelsu l-priġunieri tagħhom stess. Madanakollu, fil-gwerer tal-lum, huma l-gvernijiet infushom li jipprovdu l-flus għall-ispedizzjonijiet u għalhekk ma hemm l-ebda spejjeż għas-suldati. Għaldaqstant, l-affari ta' kif jiġu ttrattati l-priġunieri tal-gwerra tiġi determinata mill-gvernijiet jew mill-organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux minn suldati individwali. Jistgħu jsiru programmi ta' skambji ta' priġunieri jew inkella negozjati oħra bejn nazzjonijiet differenti jistgħu jseħħu fuq livell governattiv bħala sforz biex titwaqqaf il-paċi għal żmien twil. Bla dubju ta' xejn il-kundizzjonijiet biex xi ħadd jikkalzra lil xi persuna oħra ma għadhomx jeżistu u min jagħmel dan ikun qed jeħodha qatta bla ħabel kontra l-Iżlam.

Fil-Koran, Alla jistqarr ukoll li wieħed ma għandux iħares b'għira lejn ir-rikkezzi tal-oħrajn u dan fih innifsu diġà huwa prinċipju fundamentali biex tiġi żgurata l-paċi fid-dinja. Jekk jiġi osservat anki dan il-kmandament Iżlamiku biss mela żgur li ma jkunx hemm Musulman li jakkwista l-art, it-territorju jew il-ġid ta' ħaddieħor. F'Kapitlu 10, vers 100 tal-Koran, Alla qal li, billi Huwa hu l-Aktar Setgħani, kieku ried, seta' jġiegħel lid-dinja kollha taċċetta l-Iżlam. Madanakollu Alla ma sfurzax lill-bniedem u ta struzzjonijiet lill-Qaddis Profeta[sa] biex l-ebda forza ma tintuża biex jinfirex il-messaġġ tal-Iżlam u li r-reliġjon hija kwistjoni tal-qalb u l-kuxjenza ta' kull persuna.

Għalhekk huwa evidenti li qatt mhu permissibbli, taħt l-ebda ċirkostanza, li persuna tkun imġiegħla tħaddan l-Iżlam jew inkella

xi reliġjon oħra. Bla dubju, il-Musulmani ntalbu biex iwasslu l-messaġġ tal-Iżlam, iżda sa hemmhekk. Fil-fatt, f'Kapitlu 18, vers 30, Alla qal lill-Qaddis Profeta[sa] biex jinforma lid-dinja li waslet Verità mingħand il-Mulej, li kienet mezz għas-suċċess u l-prosperità, u kulħadd kien liberu li jaċċettaha jew jiskartaha. Dan il-kliem huwa ċar kristall għal kulħadd biex jarah u jisimgħu. Innies kollha huma liberi biex jemmnu jew ma jemmnux. U għalhekk meta l-Qaddis Profeta[sa] tħalla biss ixerred il-messaġġ tal-Iżlam u daqshekk – kif mela l-hekk imsejħa mexxejja Musulmani tal-lum imorru *oltre* minn hekk u jaħsbu li għandhom aktar setgħa, awtorità u drittijiet mill-Profeta tal-Iżlam?

Kif qed taraw jien ippruvajt fi ftit kliem nagħtikom sommarju tat-tagħlim tal-Iżlam, ibbażat fuq diversi versi tal-Koran Imqaddes, li juru li l-atti ta' krudeltà li qed jitwettqu minn ċerti gruppi Musulmani u anki nazzjonijiet huma għalkollox kuntrarji għall-Iżlam.

Għaldaqstant forsi tgħidu mela għalfejn – jekk dan kollu jmur kontra t-tagħlim tal-Iżlam – qed jaġixxu b'dan il-mod. Ir-risposta hija sempliċi għax, bħalma għedt qabel, dawn qed ifittxu li jissodisfaw l-interessi materjali tagħhom biss. L-għanijiet tagħhom la huma spiritwali u lanqas reliġjużi. Qed ifittxu li jiksbu ħwejjeġ materjali f'isem ir-reliġjon permezz tal-ħruxija u t-tixrid tad-demm.

Nerġa' ngħid li kull Musulman Aħmadi jew tabilħaqq kull Musulman li jħobb il-paċi huwa mweġġa' serjament il-għaliex ir-reliġjon safja tiegħu qed tiġi mtappna u strumentalizzata b'dan il-mod inġust. Madanakollu, nixtieq hawn nistaqsi xi mistoqsijiet lil dawk in-nies, organizzazzjonijiet jew politiċi li jsostnu li l-Iżlam huwa reliġjon ta' vjolenza minħabba l-atroċitajiet ta' dawn il-gruppi estremisti.

Insaqsihom biex jikkunsidraw kif dawn il-gruppi qed ikunu kapaċi jakkwistaw il-fondi li bihom qed ikomplu bl-attivitajiet u bl-għemejjel terroristiċi tagħhom għal dat-tul ta' żmien. Kif qed jakkwistaw dawn l-armamenti sofistikati? Għandhom industriji jew fabbriki fejn qed jimmanufatturawhom? Huwa pjuttost ovvju li qed jirċievu l-għajnuna u s-sapport ta' ċerti setgħat. Dan jista' jkun sapport minn pajjiżi Musulmani li huma sinjuri ħafna minħabba

ż-żejt jew inkella minn għaqdiet kbar oħra li qed jipprovdulhom l-għajnuna segretament.

Meta smajna l-ewwel darba bl-ISIS, intqal li dawn ħadu l-armamenti tal-armata nazzjonali u ħatfu xi depożiti tal-armi – dan jista' jkun veru imma mhuwiex biżżejjed għalihom biex setgħu jkomplu bl-attivitajiet tagħhom sal-lum. Jekk il-provvista ta' armata regolari titwaqqaf mela jkun impossibbli għalihom biex ikomplu b'xogħolhom madanakollu l-provvista tal-ISIS donnha li tibqa' tikber gradwalment.

Qed jingħad li issa għandhom ukoll missili kontra l-inġenji tal-ajru u armamenti sofistikati oħra. Dan juri li hemm provvista kontinwa biex tgħin lill-ISIS.

Huwa fatt magħruf ma' kulħadd li dawn għandhom fondi enormi li jammontaw għal mijiet ta' miljuni ta' dollari u għalhekk wieħed jista' jassumi li bilfors għandhom għajnuna esterna. Ħafna uffiċjali, analisti u kummentaturi wrew bil-miftuħ li jaqblu ma' din it-teorija. Pereżempju, rappreżentant għoli tal-Gvern tal-Istati Uniti, David Cohen, li huwa Sotto-Segretarju tat-Terroriżmu u l-Intelliġenza Finanzjarja, iddikjara pubblikament li l-ISIS huwa l-aktar "grupp terroristiku li huwa b'saħħtu finanzjarjament li qatt ikkonfrontajna". Huwa jgħid li dawn qed jonfqu għexieren ta' miljuni ta' dollari kull xahar u qed jagħmlu miljun dollaru kuljum mill-bejgħ taż-żejt fil-blekmarkit.

Irridu nsaqsu fejn u kif qed jiksbu dan l-aċċess kollu bla xkiel għal dawn il-kwantitajiet kbar ta' żejt? F'partijiet oħra tad-dinja t-trasport u l-bejgħ taż-żejt huwa sorveljat bi skrutinju kbir u permessi ġew intaxxati sew f'pajjiżi għonja minħabba ż-żejt. Madanakollu, b'xi mod l-ISIS donnu jirnexxilhom jegħlbu kull tip ta' regolazzjoni u jiksbu u jbigħu kwantitajiet enormi ta' żejt mingħajr problemi ta' xejn – għalkemm aħna lkoll nafu kemm hu diffiċli biex taħbi l-ġarr jew inkella n-negozjar ta' dawn il-kwantitajiet kbar ta' żejt. Jingħad ukoll li l-ISIS jirċievu dħul regolari mill-ħelsien ta' qbid ta' persuni, iżda dan xorta huwa ammont żgħir imqabbel mas-sorsi l-oħra li għandhom ta' dħul ta' finanzi.

L-iffinanzjar ta' dawn il-gruppi qed joħloq problema kbira għaliex huwa bis-saħħa tiegħu li huma qed ikunu kapaċi jivvittimizzaw gruppi jew individwi vulnerabbli. Pereżempju, rapport li ħareġ dan l-aħħar isostni li jekk familja tibgħat membru tagħha biex jingħaqad mal-ISIS mela din il-familja l-ewwel tingħata eluf ta' dollari bħala somma inizjali u mbagħad tibqa' tingħata regolarment mijiet ta' dollari oħra.

Għaldaqstant, xi ħaġa trid issir malajr biex jitwaqqaf l-iffinanzjar ta' dawn il-gruppi. Il-Punent issa qiegħed jirrealizza u jafferma li din hija gwerra li qed taffettwah direttament ukoll. Madanakollu, din ukoll hija valutazzjoni żbaljata – il-verità hija li din hija gwerra kontra d-dinja kollha.

Bħala regola ġenerali, naraw li l-poteri l-kbar huma kapaċi li jinfluwenzaw bil-kbir jew anki jordnaw ċerti miżuri fil-pajjiżi Musulmani f'diversi oqsma u għalhekk tqum il-mistoqsija l-għala dawn mhux qed jeżerċitaw l-influwenza tagħhom hawn fejn hi verament meħtieġa?

Għaliex ma hemmx sforz wieħed, magħqud u miftiehem, biex jiġi kumbattut kull tip ta' estremiżmu? Anki l-isforzi li qed isiru bħalissa huma ċkejkna wisq imqabbla mal-ħsara li se jikkawża dan il-grupp. Fl-opinjoni tiegħi, dak li qed jiġri mhuwiex biss il-ħtija tad-dinja Musulmana, iżda hemm setgħat u qawwiet esterni li qed jikkontribwixxu għal dan l-istat devastanti tal-affarijiet.

Issa ilna snin b'kunflitti domestiċi f'pajjiżi bħas-Sirja u l-Iraq u setgħat esterni ffinanzjaw, armaw u ssapportjaw il-gruppi ribelli u fazzjonijiet li mbagħad kibru b'veloċità kbira u ma baqgħux taħt il-kontroll ta' dawk li kienu qed jiffinanzjawhom. Dawn ħolqu straġi ma' kullimkien u amministraw kull tip ta' terrur imsejjes fuq l-ideoloġiji estremisti tagħhom. B'dan li qed nistqarr mhu qiegħed nikxef xejn milli diġà hu magħruf fid-dominju pubbliku jew li ġie kkaverjat mill-midja. Gruppi militanti bħall-ISIS huma prodott ta' dawn l-ideoloġiji u issa dawn qegħdin ixerrdu x-xbieki ta' terrur tagħhom ma' kullimkien u qed jaffettwaw id-dinja kollha.

Nerġa' ngħid li huwa ta' wġigħ u tħassib kbir għalija li dawn l-atti

moqżieża qed jiġu kollha assoċjati mal-Iżlam. Illum il-ġurnata huwa inkwetanti ħafna li żgħażagħ Musulmani mill-Punent qed jivvjaġġaw lejn pajjiżi bħas-Sirja u l-Iraq fejn qed jiġu radikalizzati. Huwa possibbli ħafna li eventwalment dawn jirritornaw lura lejn pajjiżhom u jifthu attakki jew joħolqu diżordni kbira f'din il-parti tad-dinja. Għaldaqstant, huwa evidenti li din m'għadhiex kwistjoni lokali jew Musulmana – hija kwistjoni internazzjonali li teħtieġ sforz globali u kollettiv biex jitwaqqfu dawn l-organizzazzjonijiet estremisti.

Xi personaġġi prominenti stqarrew li se jkollhom jgħaddu 30 sena, jew anki 100 sena, biex tintemm din il-gwerra mal-estremiżmu. Personalment jiena nemmen li l-gruppi militanti u estremisti jistgħu jitwaqqfu f'perjodu ħafna anqas ta' żmien jekk id-dinja tkun determinata li teqridhom għalkollox. Ma rridux naħsbu li aħna ħielsa mir-responsabbiltajiet personali tagħna sempliċement billi ngħidu li se nieħdu għexieren ta' snin biex inwaqqfu din il-gwerra – anzi kulħadd irid jagħti sehmu biex nopponu l-estremiżmu globali. Billi sempliċement nitfgħu l-ħtija fuq l-Iżlam jew gruppi partikolari mhuwiex se jsalvana mit-taqbid jew jilliberana mir-responsabbiltajiet tagħna.

Għaldaqstant, kull min iħobb il-paċi għandu jagħmel pressjoni fuq il-gvern tiegħu u bla dubju ta' xejn il-politikanti u nies oħra influwenti għandhom jirriflettu dwar dan u jfittxu li jkattru l-paċi fid-dinja billi jippromwovu l-ġustizzja vera fl-oqsma rispettivi ta' influwenza tagħhom, billi anki jieħdu azzjoni ferma kontra l-qerda totali tal-paċi dinjija. Jekk irridu nsalvaw id-dinja mela jrid ikun hemm ġustizzja vera f'kull livell tas-soċjetà u l-problemi li jaffaċċja kull pajjiż għandhom jiġu solvuti b'sens ta' ġustizzja biex jitwarrbu l-frustrazzjonijiet.

Ħadd ma għandu jħares lejn il-ġid ta' pajjiż b'invidja u l-istrateġiji għandhom isiru biex wieħed jgħin lill-ieħor. L-aktar importanti huwa li d-dinja jeħtieġ tirrealizza li abbandunat lill-Ħallieq tagħha u għalhekk trid tirritorna fi Ħdanu. Huwa biss meta jseħħ dan li l-vera paċi terġa' tiġi stabbilita u mingħajr dan ma hemm l-ebda garanzija ta' paċi.

Jiena tkellimt ħafna drabi qabel dwar il-konsegwenzi terribbli ta' gwerra dinjija oħra u probabbli trid tgħaddi din il-gwerra qabel ma d-dinja tintebaħ bir-riżultati devastanti ta' deċiżjonijiet inġusti li ttieħdu biss biex jissodisfaw l-ambizzjonijiet u l-interessi personali. Nispera u nitlob li d-dinja tiġi f'sensiha qabel ma jseħħ dan id-diżastru. Nispera u nitlob li d-dinja terġa' tagħraf u taċċetta l-Ħallieq tagħha. B'dan il-kliem intemm id-diskors tiegħi. Grazzi ħafna."

****

NOTA TAL-PUBBLIKATUR

IŻLAM: Il-kelma *Iżlam* (*Islam* fid-dizzjunarju ta' Aquilina, 1987 [l-1 volum], paġna 592 • mibdula għal *Iżlam* fit-Tagħrif tal-2008) hija derivata mill-kelma *sliem*.

KORAN: Il-kelma *Koran* (*Quran / Qoran / Koran* fid-dizzjunarju ta' Aquilina, 1990 [it-2 volum], paġna 1158 • mibdula għal *Koran* fit-Tagħrif tal-2008) hija derivata mill-kelma *qari*.

Dawn l-abbrevjazzjonijiet ġew użati. Il-qarrejja huma mħeġġa li jlissnu t-tislimiet sħaħ meta jaqraw il-ktieb:

sa *sallallahu 'alaihi wa sallam*, li tfisser 'Jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu', tinkiteb wara l-isem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

as *alaihis-salam*, li tfisser 'Jalla l-paċi tkun fuqu', hija miktuba wara l-isem tal-Profeti barra dak tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

ra *radiyallahu 'anhu/'anha/'anhum*, li tfisser 'Jalla Alla jkun kuntent bih/biha/bihom', tinkiteb wara l-ismijiet tad-Dixxipli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jew tal-Messija Mwiegħed[as].

aba *ayyadahullahu ta'ala binasrihil-'aziz*, li tfisser 'Jalla Alla l-Omnipotenti jagħtih l-għajnuna sħiħa tiegħu', tinkiteb wara l-isem tal-Mexxej attwali tal-Komunità Musulmana Aħmadija, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba].

“L-ISIS qed ifittxu li jeqirdu kull reliġjon jew denominazzjoni li ma taqbilx mal-ideat tagħhom u jixtiequ jwarrbu l-gvernijiet attwali Musulmani u jiksbu l-poter tagħhom. Għaldaqstant, jekk dan kollu huwa vera mela l-istrateġija u l-viżjoni tagħhom għandhom implikazzjonijiet kbar u l-għan ewlieni tagħhom huwa li jeqirdu l-paċi fid-dinja.”

“Dan kien eżempju ċar ta’ kemm il-Fundatur Qaddis tal-Iżlam[sa] kien jemmen fit-tolleranza u r-rispett reċiproku għall-kuntrarju tal-lum fejn l-ISIS qed isostnu li l-Liġi tax-Xarija (*Shariah Law*) għandha tkun imposta fuq kulħadd, irrelevanti xi tkun ir-reliġjon jew l-isfond tal-ħajja tagħhom.”

IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

This is the Maltese translation of the Keynote Address delivered by Hazrat Mirza Masroor Ahmad[aba], Khalifatul-Masih V, Head of the Worldwide Ahmadiyya Muslim Community at the 11th National Peace Symposium on 8 November 2014. The conference was organised by the Ahmadiyya Muslim Community in the UK.

9 789995 759001